# Il-Gwarniċ tal-Fidda rrestawrat

Kull min żar il-Bażilika ta' San Ġorġ fil-ġimgħa tal-Festa ta' din is-sena, sewwa sew bejn is-16 u l-21 ta' Lulju 2013, seta' jitpaxxa aktar minn qatt qabel bil-ġmiel impressjonanti tal-Gwarniċ tal-Fidda armat – bħalma jiġri kull sena – fuq l-altar maġġur għall-okkażjoni. Fil-fatt, kulħadd seta' jinnota d-dehra ġdida li għandu dan il-Gwarniċ "famuż" tal-Ventaltar tal-Festa wara li fix-xhur ta' qabel għadda minn intervent qawwi ta' restawr u konservazzjoni li raddlu l-glorja oriġinali tiegħu.

Barra l-fatt li l-Gwarniċ tal-Fidda kien jinsab ftit jew wisq fi stat imkagħbar, il-Parroċċa tagħna ħasbet biex tidħol għall-biċċa xogħol tar-restawr l-aktar minħabba li din is-sena qed jaħbat l-ewwel ċentinarju tiegħu. Tajjeb jingħad li l-Gwarniċ wasal Għawdex f'Ottubru 1913 u ġie mżanżan għall-ewwel darba fil-Festa titulari ta' San Ġorġ tas-sena ta' wara.

Din l-opra monumentali kienet ġiet ikkummissjonata minn Monsinjur Giuseppe Farrugia (*Tal-Vers*), Dekan tal-Kapitlu Katidrali u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex. Ix-xogħol tal-fidda ġie esegwit mid-ditta *Ghezzi* ta' Milan fuq disinn ta' Vincenzo Busuttil mill-Belt Valletta. Dan il-gwarnic monumentali, li nħadem għall-altar maġġur l-antik tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ġie jiswa ħames mitt lira tad-deheb, u tħallas mill-aħwa Dun Franġisk u Ġużeppi Buhagiar, żewġ benefatturi insinji ta' San Ġorġ.

F'Novembru 2012, il-gwarniċ ġie fdat f'idejn id-ditta lokali *Laga the Silversmiths* ta' Ħal-Luqa, Malta, sabiex tkun tista' tirrestawrah. Wara li wasal il-fabbrika, ittieħdu numru kbir ta' ritratti biex jiddokumentaw l-istat tal-gwarniċ mal-wasla tiegħu, speċjalment ta' dawk il-partijiet li kellhom xi tip ta' ħsara. Il-gwarniċ, imbagħad, ġie żarmat biċċa biċċa, fil-waqt li l-partijiet kollha ġew innumerati, ikkatalogati u mmarkati, biex fl-aħħar tar-restawr il-bini mill-ġdid tal-gwarniċ ikun jista' jsir mingħajr l-ebda diffikultà. Il-partijiet kollha ġew ipproċessati minn gon-nar li kien ilaħħaq is-sitt mitt grad *celsius*, u wara ġew mgħaddsa ġo banju aċtu u ppolixxjati. Billi l-istruttura ta' l-injam instabet f'qagħda xejn sabiħa, kien meħtieġ li tiġi ttrattata minnufih biex tiġi evitata iktar ħsara. Finalment, il-partijiet kollha reġgħu ngħaqdu flimkien.

L-intervent ta' konservazzjoni sar tabilħaqq bl-ikbar professjonalità u ġie jiswa lill-Parroċċa tagħna €2,700.

Il-Gwarniċ inġab lura fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 u xahar wara ġie mżanżan fil-Mużew il-ġdid *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, biex issa jinsab espost f'dan l-istess ċentru kulturali matul is-sena kollha.







**Ritratti:** Daniel Cilia, Mons. Pawlu Cardona